

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Novomatic vs UASI – Simba Toys
(African SIMBA)**

(Kawża T-687/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva African SIMBA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Simba — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2016/C 098/54)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Novomatic AG (Gumpoldskirchen, l-Awstrija) (rappreżentant: W. Mosing, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Simba Toys GmbH & Co. KG (Fürth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Ruhl, avukat)

Suġġett

Rikora ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Lulju 2014 (Każ R 2098/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Simba Toys GmbH & Co. KG u Novomatic AG.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Novomatic AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 409, 17.11.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Jannar 2016 – Montagut Viladot vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-696/14 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz Pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni għall-istabbiliment ta’ riżerva għar-reklutaġġ ta’ amministraturi tal-grad AD 5 — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni li r-rikorrenz ma jiġix inkluż fil-lista ta’ riżerva — Diploma li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-avviż ta’ kompetizzjoni — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza”)

(2016/C 098/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Bernat Montagut Viladot (Schaerbeek, il-Belġju) (rappreżentanti: F.A. Rodríguez-Gigirey Pérez u J.A. Simón Sánchez, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Galindo Martín u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-15 ta' Lulju 2014, Montagut Viladot vs Il-Kummissjoni (F-160/12, ĠabraSP, EU:F:2014:190), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Bernat Montagut Viladot huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 409, 17.11.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – TVR Automotive vs UASI – Cardoni (TVR ENGINEERING)

(Kawża T-781/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Kumunitarja figurattiva TVR ENGINEERING — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti TVR — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ xebh bejn is-sinjali — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2016/C 098/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: TVR Automotive Ltd (Whiteley, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Fabio Cardoni (Milan, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-8 ta' Settembru 2014 (Każ R 2532/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn TVR Automotive Ltd u M. Fabio Cardoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TVR Automotive Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 26, 26.1.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 2016 – Proforec vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-120/15) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Reġistrazzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika protetta — Focaccia di Recco col formaggio — Assenza ta’ interess ġuridiku — Inammissibbiltà”)

(2016/C 098/57)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Proforec Srl (Recco, l-Italja) (rappreżentanti: G. Durazzo, M. Mencoboni u G. Pescatore, avukati)